MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Talba Numru. 2314/2003

**Francesca armla minn Michele Baldacchino, Auxilio, Rose mart George Cumbo, George, Carmel u Emanuel ahwa Baldacchino, ulied il-mejjet Michele Baldacchino u l-ewwel tnejn ulied Concetta nee` Axisa u l-ahhar tlieta ulied l-istess Francesca nee` Farrugia, Giorgina armla minn John Baptist Baldacchino u Carmelo Baldacchino bin il-mejjet John Baptist bhala werrieta u/jew partijiet ghal kull interess li jista jkollhom fil-wirt tal-mejjet John Baptist bin l-istess Michele Baldacchino**

**Vs**

**Anthony Mario u Carmen konjugi Vella**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta’ Lm150 (mija u hamsin lira Maltin) dovuti ghal cens tal-fond 47,

‘Walnut Grove’, Triq Tumas Fenech, Qormi ghal snin 1998-2004.

Bl-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 25 ta’Lulju 2003 u bl-interessi kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-3 ta’ Marzu 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-1 ta’ April 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------